31981R2120

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2120/81
tas-27 ta' Lulju 1981
li jemenda r-Regolament Nru 467/67/KEE li jiffissa r-rati ta' konverżjoni, il-prezz ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti derivati għal stadji varji ta' l-ipproċessar tar-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 ta' l-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [1], kif l-aħħar emendat bl-Att tas-Sħubija tal-Greċja [2], u b'mod partikolari Artikolu 19 tiegħu,

Billi Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 467/67/KEE [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2119/80 [4], iffissa l-prezz ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti derivati għall-istadji varji ta' pproċessar; billi, minħabba x-xejra tal-prezzijiet, l-ispiża ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti derivati nbidlu; billi l-infiq imsemmi u l-valur għandhom jiġu stabbiliti f'livell rappreżentattiv għall-Komunità kollha kemm hi;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Nru 467/67/KEE huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. L-ispejjeż ta' l-ipproċessar li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta r-ross li jkun fil-fosdqa jiġi konvertit f'ross imqaxxar għandu jkun ta' 39.747 ECU għal kull tunnellata metrika ta' ross li jkun fil-fosdqa.

2. L-ispejjeż ta' l-ipproċessar li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni meta r-ross imqaxxar jiġi konvertit f'ross mitħun għandu jkun ta' 39.747 ECU għal kull tunnellata metrika ta' ross imqaxxar.

3. L-ispejjeż ta' l-ipproċessar għall-konverżjoni minn ross nofsu mitħun għal ross mitħun ma għandhomx jitqiesu."

2. Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. Il-valur tal-prodotti derivati miksuba mill-ipproċessar ta' ross li jkun bil-qoxra f'ross imqaxxar ħliefa għandu jiġi kunsidrat bħala żero.

2. Il-valur tal-prodotti derivati miksuba mill-ipproċessar ta' ross imqaxxar għal ross mitħun għandu jkun ta':

(a) 40.718 ECU għal kull tunnellata metrika ta' ross tond imqaxxar;

(b) 50.761 ECU għal kull tunnellata metrika ta' ross tawwali mqaxxar.

3. Il-valur tal-prodotti dervivati miksuba mill-ipproċessar ta' ross nofsu mitħun għal ross mitħun għandu jkun ta':

(a) 12.737 ECU għal kull tunnellata metrika ta' ross tond nofsu mitħun;

(b) 13.768 ECU għal kull tunnellata metrika ta' ross tawwali nofsu mitħun."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Settembru 1981.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1981.

Għall-Kummissjoni

Gaston THORN

Il-President

(1) ĠU L 166, ta' l-25.6.1976, p. 1.
(2) ĠU L 291, tad-19.11.1979, p. 17.
(3) ĠU Ċ 204, ta' l-24.8.1967, p. 1.
(4) ĠU L 206, tat-8.8.1980, p. 20.